**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-08 ta' Lulju, 2016.

Talba Numru: 170/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 18

**Entity Merlin International Ltd (C- 4432)**
**Merlin House,**
**Mountbatten Street,**
**Hamrun HMR 1574.**

**vs.**

**Mr Andrea Selvaggi (K.I. 258083 (M) )**
**23 Triq il-Habel Ix-Xghir,**
**Zejtun.**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fid-09 ta' Mejju, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u wiehed ewro u tmienja u erbghin centezmu (€701.48c) bilanc ta' somma akbar, in konnessjoni ma' kera ta' karozza mis-Socjeta' attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hu ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra il-konferma bil-gurament tar-rapprezentant tas-Socjeta' attrici Victor Gruppetta li fil-mori l-konvenut hallas hames mija u wiehed u sittin ewro (€561) mill-ammont dovut.

Illi ghalhekk il-bilanc li ghadu dovut huwa dak ta' mija u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€140.48c).

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici l-bilanc dovut fis-somma ta' mija u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€140.48c)

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**